**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**

**vs**

**Yusuf Mohamed Jama**

**Kumpilazzjoni numru 224/2018**

**Illum 10 ta′ Mejju, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Yusuf Mohamed Jama** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 9000340 (A) billi huwa akkuzat talli nhar il-5 ta′ Marzu 2018 gewwa Radisson Golden Sands Resort, limiti ta′ l-Imgarr, gewwa dawn il-gzejjer hebb ghal Lazar Bogdanivic u kkagunalu offiza ta′ natura grazi skont kif iccertifikat minn Dr. P. Agius MD 3727 tal-isptar Mater Dei.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f′kaz ta′ htija torhog ordni ta′ protezzjoni sabiex tipprovdi ghas-sigurta′ tal-persuna offiza jew individew ohra skont it-termini tal-Artikolu 383, 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta.

Rat l-atti kollha ta′ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tal-llum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti trid tibaghat sinjal li l-vjolenza  qatt m'ghandha tkun accettata fis-socjeta' u dan ghal ebda raguni.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri.

Bħalma qalet din il-Qorti fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deċiż fit-30 ta' Lulju 2004:

> **"Din il-Qorti, kemm kif illum presjeduta u kemm kif diversament presjeduta, kellha l-okkażjoni diversi drabi li tfisser li, bħala regola, meta si tratta ta' vjolenza fuq il-persuna l-piena għandha tkun dik ta' priġunerija b'effett immedjat. Il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali għandhom ikunu minn ta' quddiem biex b'mod deċiżiv jirripristinaw l-ordni pubbliku meta dan jiġi sventrat mill-arroganza jew il-prepotenza li timmanifesta ruħha f'xi forma ta' vjolenza fiżika."**

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikolu 216(1)(b) tal-Kap 9 issib lill-imputat hati u tikkundannah tliet xhur (3) prigunerija.

*In oltre,* b'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqiegħed lill-hati taht Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Lazar Bogdanovic ghal tliet (3) snin millum skont id-digriet hawn anness.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**